TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 111/18/F

**Carmen Sacco**
**vs**
**World Marketing Services Ltd.**

Illum 25 t'April, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-18 ta' Lulju, 2018 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' elfejn, erba' mija u għoxrin ewro (€2,420), rappreżentanti prezz ta' pultruna u wara li ġiet ikkonsenjata lir-rikorrenti, tlettax-il ġurnata wara indunat li kien hemm qasma fuq wara.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat pultruna li kellha diversi problemi, fosthom kienet tiċċaqlaq u li kellha qasma fuq wara, u li ndunat biha tlettax-il ġurnata wara. Illi r-rikorrenti qalet ukoll, li meta ġiet ikkonsenjata l-pultruna, din lanqas kienet fil-kaxxa u lanqas bil-plastik.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi l-pultruna ġiet ikkonsenjata fi stat tajjeb u bla problemi, tant li aċċettatha, u li kien tlettax-il ġurnata wara li rat il-qasma u li allura l-probabilta' li għamlitha hi.

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, qed jikkonsidra illi din il-pultruna ġiet ikkonsenjata b'diversi problemi, fosthom li kienet titbandal, tant illi t-Tribunal ordna li s-sieq kellha tittranġa, u l-fatt illi tlettax-il ġurnata wara ndunat bil-qasma, jista' jagħti lok għal żewġ interpretazzjonijiet. Pero' t-Tribunal, qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti, stante li fl-ewwel lok il-pultruna ġiet ikkonsenjata almenu jekk mhux f'kaxxa, jmissha kienet fil-plastik, u din il-qasma tidher li ma saritx mir-rikorrenti u li kienet hemm mill-bidu.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' seba' mitt ewro (€700), b'dan illi l-pultruna tibqa' propjeta' tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888